Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 520/2015

**Paul Anthony Bonnici Limited (C-51818) (appellata)**

**Vs**

**Joseph Mizzi f'ismu proprju u ghas-socjeta Chef Choice Limited (appellanti)**

30 ta' Jannar, 2017.

1. Fit-2 ta' Lulju, 2015 l-attrici pprezentat avviz tat-talba fejn talbet lit-Tribunal ghal Talbiet Zghar sabiex jikkundanna lill-konvenuti jhallasuha s-somma ta' €994.74, bilanc minn somma akbar dovuta bhala prezz ta' prodotti tal-ikel li nbieghu u li gew konsenjati.

2. Il-konvenuti wiegbu:
   i. Joseph Mizzi mhuwiex legittimu kontradittur ghaliex kull ftehim sar mas-socjeta konvenuta;
   ii. It-talba tal-attrici hi nfondata fil-fatt u fid-dritt.

3. Il-konvenuti pproponew rikonvenzjoni li biha talbu l-hlas tad-danni, inkluz dawk tal-kirja relattiva ghall-hazna ta' prodotti tal-ikel li baqghu ma gewx migbura mill-attur sa minn Dicembru, 2013.

4. B'sentenza tal-24 ta' Settembru, 2015 it-Tribunal laqa' t-talba tal-attrici u cahad ir-rikonvenzjoni.

5. Il-konvenuti appellaw mis-sentenza, b'dawn l-aggravji:
   i. Saret ingustizzja maghhom peress li ma nghatawx l-opportunita li jressqu l-provi in sostenn tal-eccezzjonijiet u rikonvenzjoni. Sal-gurnata tal-ewwel seduta, l-appellati kienu ghadhom ma pprezentawx twegiba ghar-rikonvenzjoni.
   ii. Mill-provi li tressqu ma jirrizultax li l-appellant Mizzi hu legittimu kontradittur.
   iii. Il-provi li tressqu ma kinux bizzejjed sabiex it-Tribunal jilqa' t-talba tal-attrici.
   iv. Is-subizzjoni ma saritx bil-mod kontemplat mil-ligi.

6. L-attrici wiegbet:

   i. L-appellanti m'ghamlu l-ebda talba biex jigi dikjarat li saret ingustizzja maghhom minhabba li ma nghatawx l-opportunita li jressqu provi.

ii. Il-fatt li ma gietx prezentata twegiba ghar-rikovenzjoni, ma twassalx ghall-invalidta (artikolu 9(3) tal-Kap. 380).
iii. L-appellanti kellhom l-obbligu li jipprezentaw id-dokumenti mar-risposta.
iv. Id-deposizzjoni ta' David Aquilina kienet prova bizzejjed sabiex tintlaqa' t-talba tal-attrici.
v. It-Tribunal kien sodisfatt bil-provi li ressqet l-attrici.
vi. Mhuwiex mandatorju li parti tigi msejha ghas-subizzjoni.

7. Quddiem it-Tribunal saret seduta wahda biss, dik tal-24 ta' Settembru, 2015. Fis-sentenza t-Tribunal ghamel riferenza ghall-artikoli 9 u 13 tal-Att dwar it-Tribunal ghal Talbiet Zghar (Kap. 380) u osserva:

*"6.Illi minn qari ta' l-ahhar disposizzjoni hawn fuq imsemmija jirrizulta li hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawza jew le ghal ġurnata ohra sabiex jisma lill-intimat f'kaz li dan ma jidhirx quddiemu.*

*7. Fil-kaz odjern, la l-intimati u lanqas id-difensur taghhom baqghu ma dehru ghas-seduta tal-lum minkejja li gew m'ghajta diversi drabi u minkejja li kienu msejha, skond ma jirrizulta mit-Talba ghas-subizzjoni.*

*8. Jirrizulta li t-talba tas-socjeta rikorrenti hija fondata u li ma tressqet l-ebda prova li b'xi mod turi li dak li intqal mis-socjeta rikorrenti ma ghandux missewwa.*

*9. Ghar-rigward tal-kontro-talba, fin-nuqqas ta' provi, u in vista tal-fatt li David Aquilina xehed li l-prodotti mibjugha mis-socjeta minnu rapprezentata ma kienux on consignment, din sejra tigi michuda.*

*10. Illi ghalhekk, in vista tal-provi ppreżentati quddiemu, it-Tribunal ma ghandu l-ebda triq ohra hlief li jiddikjara li l-ammont mitlub mis-socjeta rikorrenti huwa dovut mill-intimati".*

8. Wara li l-qorti qrat l-atti, tosserva:

i. Kienu l-konvenuti li naqsu milli jattendu ghas-seduta tal-24 ta' Settembru, 2015. Il-fatt li sa dakinhar kien ghadu ma skadiex iz-zmien ghat-twegiba ma jfissirx li l-konvenuti jkunu assenti.
ii. Kien fid-diskrezzjoni tat-Tribunal li jisma' l-kawza u jiddeciedi l-kawza fl-ewwel seduta. F'dan ir-rigward it-Tribunal kien korrett meta ghamel riferenza ghall-artikoli 9(2) u 13(b) tal-Att dwar it-Tribunal ghal Talbiet Zghar (Kap. 380).
iii. Il-konvenuti ma ppruvawx jiggustifikaw l-assenza taghhom fis-seduta tal-24 ta' Settembru, 2015.
iv. Ghal dak li jirrigwarda r-rikonvenzjoni, hu evidenti li l-attrici ghazlet li ma twegibx. B'daqshekk ma jfissirx li kienet qegha tammetti t-talba. Fir-rigward tar-rikonvenzjoni japplika l-proviso tal-artikolu 13(a) tal-Kap. 380. Mill-verbal tas-seduta tal-24 ta' Settembru, 2015 hu evidenti li l-attrici talbet li l-kawza tinstema' dakinhar tant li d-difesur taghha

talab li l-qorti taghti s-sentenza. Ghalhekk il-gudikatur ma kellux jaghti d-differiment li jissemma f'paragrafu (a).

9. B'riferenza ghat-tieni aggravju, mid-deposizzjoni ta' David Aquilina (fol. 16) kien jirrizulta li l-appellant Mizzi kien legittimu kontradittur. Inoltre, t-Tribunal kellu dritt jaghmel domandi lix-xhud.

10. Fir-rigward tat-tielet aggravju, meqjus dak li xehed David Aquilina (fol. 16) it-Tribunal kellu kull dritt li jaqta' l-kawza favur l-attrici. Il-verzjoni tax-xhud ma kinitx kontradetta.

11. Ghal dak li jikkoncerna r-raba' aggravju, hu veru li f'paragrafu 7 tas-sentenza tissemma s-subizzjoni. Madankollu hu wkoll evidenti li t-Tribunal ma iddecidiex il-kawza a bazi ta' ammissjoni li saret bis-subizzjoni tal-konvenut. Tant hu hekk li f'paragrafu 8 tas-sentenza hu evidenti li t-Tribunal laqa' t-talba attrici in vista ta' dak li xehed David Aquilina, li kien l-uniku xhud li nstema'.

**Ghal dawn l-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellanti.**

Anthony Ellul.